# 75. Lill-Abissinja **

(Malta tgħid: – )

Dak is-Salib li qiegħda tara mgħolli
f'idejn il-qatgħa żgħira
ta' wliedi qalbenija,
lili ġabuli Pawlu
ta' Tarsu
fuq mirkeb kollu mkisser,
bil-qlugħ mar-riħ jittajjar
fid-dlam u l-ħsejjes ta' taqliba tbeżża'.
Ilqajtu jien lil Pawlu
ta' Tarsu:
kebbist malajr ħuġġieġa
tal-ħatab f'xatt il-baħar,
u wrejt bl-ilsna tan-nar
lill-għefiered tad-dlam
li jien lil Pawlu nħobbu
u rridu jkun missieri,
u dawn telqu malajr bl-ilfiq u l-biki,
u s-sema reġa' ċċara,
fuq kollox waqa' skiet, sbuħija, u fwieħa.

Dak is-Salib
Pawlu waħħlu ġo fija,
ġo blata iebsa,
u mbagħad madwarha beda jiżra' n-nwar –
susann u ward ta' Mejju,
u ġiżi ta' kull lewn,
il-vjoli qalb il-weraq fl-art moħbija,
u ward tax-xemx,
li lewnu, sebħu, fewħu
f'rebbiegħa ta' bla tmiem.
Għaddew mijiet ta' snin
u das-Salib
għadu jitperreċ fuq il-blata iebsa,
madwarha tħaddar ir-rebbiegħa hienja
bin-nwar, bid-dija u l-fwieħa.

Dak is-Salib li qiegħda tara mgħolli
f'idejn il-qatgħa żgħira
ta' wliedi qalbenija,
jien, it-tifla ta' Pawlu
ta' Tarsu,
issa nibgħatu lilek
oħti Abissinja;
ilqagħhom, oħti, ilqagħhom

lill-egħżeż demm ta' demmi;
ħallihom iwaħħluh
fuq l-ogħla ġebel tiegħek,
u mbagħad jiżirgħuh ħammiliet ta' nwar –
in-nwar ta' safa u mħabba,
ta' paċi nisranija,
ta' faqar,
ta' ħbiberija;
tħallix il-ħerba tal-ħarifa mwiegħra
tgħaddi minn fuqek,
u tnixxef nwar u weraq,
u lwien u fwieħa u dija,
u titfa' dlam u biża';
kebbes in-nar għal dejjem
madwar is-Salib għoli
ġod-dalma tal-Afrika;
ħarrab ta' Kristu l-għadu
u ibqa' dejjem m'Alla.

** meta kienet se titwaqqaf missjoni Maltija fl-Abissinja